MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Maria Caruana
vs
Chairman Malta International Airport u Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u precizament ghall-habta ta' Mejju 1988, ir-rikorrenti kienet sofriet ingustizzja billi nghatat transfer.

Illi r-rikorrenti kienet bdiet tahdem mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili bhala Security Frisker u dan bejn Marzu tas-sena 1987 u Mejju tas-sena 1988 u wara r-rikorrenti kienet hadet course ta' tlett xhur minghand l-Airport Manager, LT George Borg Marks.

Illi fl-ahhar ta’ Mejju tas-sena 1988, ic-Chairman tas-Selection Board, is-Sur Richard Farrugia, kien informa lir-rikorrenti li l-post ta’ Security Frisker ma kienx taghha izjed u li minn dakinhar stess kellha tibda tirraporta ghax-xoghol id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni bhala cleaner.

Illi l-post ta’ Security Frisker li kellha r-rikorrenti kien gie mehud ghall-ragunijiet politici u di fatti nghata lin-nies li ma kellhomx l-istess Training u kapacitajiet tar-rikorrenti, izda nies li kienu jhaddnu politika differenti minn tar-rikorrenti.

Illi in konsegwenza ta’ dak kollu premess, ir-rikorrenti soffriet danni kemm morali kif ukoll materjali.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u dan billi tinghata rimedju billi tigi ordnata illi tinghata lura x-xoghol ta’ Security Frisker u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li tigi ordnata li tithallas kumpens ta’ mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta’ l-Avjazzjoni Civili li eccepixxa:

li r-rikorrenti kienet dahlet fil-Korp tad-Dejma fit-23 ta’ Ottubru 1986 u sussegwentament mislufa lid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili fl-1 ta’ April 1987. (Dok Anness A) Ir-rikorrent giet moghtija xoghol bhala Security Frisker imma dejjem baqghet mad-Dipartiment b’self mid-Dejma.

Minn Mejju 1988, ir-responsabbilta` ghall-amministrazzjoni ta’ l-Air Terminal giet f’idejn il-Manager, Air Terminal Department; f’Jannar 1992 il-Malta International Airport Limited hadet f’idejha ir-responsabbilita` tat-tmexxija ta’ l-Air Terminal.

Jidher car li d-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant l-intimat talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tac-Chairman Malta International Airport u, ghal kull bwon fini, ta’ Malta International Airport plc (gia Malta International Airport Limited) li eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ic-“Chairman Malta International Airport” mhux illegittimu kontradittur f’dawn il-proceduri;
2. Illi, wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors odjern huwa irritu u null stante illi r-rikorrenti Maria Caruana prezentat quddiem dan it-Tribunal r-rikors numru 181/97 illi huwa identiku ghar-rikors odjern, liema rikors 181/97 kien gie cedut fis-sbatax (17) ta’ Novembru, 1997, mill-istess Maria Caruana;

3. Illi, ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors odjern huwa irritu u null minhabba il-karenza ta’ indikazzjoni cara tan-naha intimata f’dawn il-proceduri skond il-Ligi.

4. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett kontra s-socjeta’ “Malta International Airport plc” (gia’ Malta International Airport Limited) jigi rilevat illi r-rapprezentanza ta’ din il-kumpanija hija vestita f’zewg diretturi flimkien (artikolu 8 tal-Memorandum and Articles of Association, Dokumenta “A”) u ghalhekk anke ghal din ir-raguni, ir-rikors odjern huwa irritu u null.

5. Illi dejjem abbazi tal-prezunzjoni li r-rikors odjern huwa dirett lejn il-kumpanija Malta International Airport plc (gia Malta International Airport Limited), minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, gie rilevat illi din il-kumpanija kienet bdiet topera fis-16 ta’ Mejju 1991 kif jirrizulta mid-Dokument anness u esebit bhala Dokument “B”) u bejn

dik id-data sal-31 ta' Dicembru 1991 l-impjegati taghha kienu biss is-segwenti:
George Papgiorcopulo (li m'ghadux impjegat mas-socjeta` intimata), Mario Cuomo, Norman Cassar, Dottoressa Loredana Gatt (li m'ghadiex impjegata mas-socjeta` intimata) Austin Calleja, Manwel Briffa, u Simon Naudi (li wkoll ma ghadux impjegat mas-socjeta` intimata).

6. Illi mbaghad fl-1 ta' Jannar 1992, l-istess socjeta` kienet assumiet ukoll l-impieg ta' dawk l-impjegati li sa dik id-data kienu impjegati tal-Gvern u cioe` ma l-ex-Air Terminal Department.

**7.** Illi, pero`, ir-rikorrenti, la fiz-zmienijiet fuq imsemmija u lanqas f'ebda zmien iehor ma kienet impjegata ma' l-istess imsemmija kumpanija u kwindi jsegwi li mhux biss din qatt ma kienet ikkommettiet ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti billi, fi kliem ir-rikorrenti l-post ta' Security Frisker li kellha - gie mehud ghall-ragunijiet politici- izda wkoll li dan lanqas setghet taghmlu!

**8.** Illi ghalhekk hu riverentement sottomess li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti esebiti ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li kienet Security Frisker minn April 1987 u dan kien ghal erbatax-il xahar mad-Dejma. Hi dahlet mal-ewwel bhala Security Frisker fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili. Biex dahlet Security Frisker hi ghamlet interview. Matul dan iz-zmien ir-rikorrenti attendiet ghal kors ta' Security Frisker ma' l-Airport Manager, Lt. George Borg Marks u kellha taqleb

ghal mal-AWTS. F'Gunju 1988 is-Sur Paul Mifsud kien baghat ghar-rikorrenti ghal M'Grace Mallia u Rose Falzon u kienu gew infurmati li kienu nghataw transfer mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bhala Cleaners u qalet li qatt ma tahom raguni ghal dak it-trasferiment u l-anqas irceviet xi ittra li biha setghet giet avzata li kienet qed tinghata trasferiment. Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kienu baghtuha il-Fellenberg Institute bhala cleaner. Semmiet li n-nies li dahlu minflokhom bhala Security Friskers, kienu nies bla esperjenza, li dahlu minn naha tal-Gvern u anki mill-Kalaxlokk.

Semmiet li qabel il-5 ta' Mejju 1998 hi qatt kienet impjegata ma' l-MIA izda kienet mad-DCA. Qalet li hi nghatat il-transfer meta ma' kenitx impjegata ma' l-MIA. Hi dahlet ma' l-MIA fil-5 ta' Mejju 1998.

Xehed Nazzareno Dimech Senior Officer fil-Malta International Airport fil-Customer Service. Semma li hu fl-1987/88 kien Supervisor/Frisker mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u kien f'dak il-perjodu illi sar jaf lir-rikorrenti. Ma ftakarx kemm damu jaghmlu dak ix-xoghol izda ftakar li kien zmien aktar minn sena. Semma li ma jafx minghand min kienet tircievi l-paga taghha r-rikorrenti. Qal li fl-1987 kien ser isir bdil fid-dipartiment u kien inghad li ser isir Air Terminal Dipartiment ghalih u b'hekk ir-rikorrent kienet tnehhiet mid-dipartiment izda xi zmien wara r-rikorrenti regghet marret lura ma' l-MIA u dan kien ghal habta ta' l-1996. Qal li ma jafx fejn marret tahdem ir-rikorrenti wara li telqet mill-Air Terminal.

Semma li wara li telqet ir-rikorrenti kienu dahlu nies ohra bhala Security Friskers. Semma li certa Maria miz-Zurrieq kienet giet bhala Security Frisker izda ma kenitx ta' dak il-grad. Qal li ma jafx min kien li ttrasferiha. Semma li meta twaqqfet il-Malta International Airport ghall-habta ta l-1992 ir-rikorrenti ma kenitx ma' l-Air Terminal Department. Semma li r-rikorrent meta dahlet fl-1996 ma kienx hemm call for applications biex marret. Mar-rikorrenti kienet dahlet ukoll wahda certa Rose. Illum il-gurnata r-rikorrenti ghadha impjegata ta' l-MIA.

Xehed George Borg Marks Senior Operations Officer fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili. Qal li fl-1987 kien impjegat mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili, izda kien ukoll ma’ l-Armata fil-grad ta' Lieutenant. Qal li f'Jannar 1985 gie appuntat biex immexxi l-Air Terminal bhala Airport Manager u dam f'dik il-kariga sal-1988. Kien f'dak il-perjodu li lahaq lir-rikorrenti tahdem hemm. Semma li hu fl-1987 kien prezenti fil-Bord appuntat biex jaghmel interview propju biex ir-rikorrenti kienet intghazlet biex taghmlu xoghol ta' Security Frisker u meta dahlet ma kienx hemm sistema formali ta’ training u kienet inghatat in-house training ghal madwar erba', hames gimghat. Qal li qatt ma kellu xi jghid xejn hazin rigward ta' xoghlha.

Semma li wara Mejju 1987, kienu ngabu hafna nies hemmhekk fid-Dipartiment biex jahdmu bhala Friskers. Qal li hu dam fid-Dipartiment sa Mejju 1988 u meta telaq, ir-rikorrenti kienet ghadha hemm izda wara sar jaf li kienet tnehhiet minn hemm. Meta mistoqsi minn fejn kienet gejja r-rikorrenti qal li jekk ftakar sewwa r-rikorrenti kienet employed u kienet ma’ l-Armata. Semma li lir-rikorrenti meta impjegawha mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili giet impjegata bhala Security Frisker.

Xehed Richard Farrugia li semma li minn Awissu 1987 sa 1991 kien Assistant Terminal Manager tal-Air Terminal Department li dan id-dipartiment kien beda jezisti fl-4 ta’ Mejju 1988. Semma li fil-bidu dan id-dipartiment kien jaghmel parti mid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili u wara sar dipartiment ghalih. Semma li lir-rikorrenti jafha bhala security frisker. Ir-rikorrenti kienet tifforma parti mill-korp u wara giet posted mal-Air Terminal Department. Qal li l-iskala tal-paga tar-rikorrenti kienet differenti minn mal-korpi u minn nies li kienu impjegati mat-Terminal. Semma li l-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrenti kienet tajba. Semma li ma jafx fejn kienet intbaghtet ir-rikorrenti. Qal li r-rikorrenti kienet dahlet mad-Dejma. Deherlu li fl-4 ta’ Mejju 1988 meta l-Air Terminal Department inqata’ ghalih ir-rikorrenti kienet ghadha hemm u wara kellhom ordnijiet mill-OPM biex ma jibqghux jahdmu hemmhekk. Qal li r-rikorrenti qatt ma setghet tkun fuq l-istaff list ta’ l-Air Terminal Department. F’dak il-perjodu r-rikorrenti qatt ma

marret mal-MIA. Semma li fl-1987 kien hemm diversi interviewing boards ghal security friskers u hu kien mexxa diversi minnhom pero` ma ftakarx jekk lir-rikorrenti kienx intervistaha. Anzi qal li jahseb li r-rikorrenti ma kenitx eligibbli peress li l-applikazzjoni kienet interna.

Xehed Alfred Mangion rapprezentant ta' l-MIA fejn qal li l-Kumpanija MIA giet imwaqqfa f'Mejju 1991 izda bdiet topera b'effett 1 ta' Jannar 1992. Qal li kienu hadu over impjegati tad-DCA li kienu imposed fuq id-DCA mill-31ta' Dicembru 1991. Qal li meta giet imwaqqfa l-MIA gie mahtur Bord ta' Diretturi. Fuq dan il-Bord kien hemm bhala Chairman Andre Camilleri, George Papagiorcopolo, George Hyzler u xi ohrajn li ma ftakarx isimhom. Semma li dak il-Board of Management il-funzjoni tieghu kienet li jara smooth transition mid-DCA ghall-MIA u wkoll jara l-istruttura ta' l-Airport qed tinbena. Qal li l-impjegati kollha ta' taht l-Air Terminal Department kienu jaqghu taht id-DCA.

Semma li l-Board of Management ta' l-MIA u d-DCA mxew in conjunction ma' xulxin. Qal li f'Novembru 1991 kien sar Memorandum of Understanding li gie ffirmat mill-Managment and Personnel Office ta' Kastilja, il-GWU u l-UHM kif ukoll l-MIA, u dan biex jaraw kif se jittiehdu over l-impjegati tad-DCA. Wara li sar dak il-Memorandum kienu hargu Call for Applications ghall-impjegati kollha tad-DCA biex min ried japplika, imur ma' l-MIA u gara illi l-impjegati applikaw u marru ma' l-MIA.

Dwar ir-rikorrenti qal li din ma applikatx u ma setghetx tapplika ghax ma kienetx imposed mad-DCA fiz-zmien li harget il-Call for Applications. Sostna li l-Call for Applications li kienet harget bejn Novembru u Decembru ta' l-1991 kienet biss ghal dawk l-impjegati li kienu specifikament mad-DCA. Mangion ikkonferma li r-rikorrenti kienet impjegata ta' l-MIA b'efett mill-5 ta' Mejju 1998. Semma li l-contract of engagement li kien inghata kien ghal 14-il xahar u dan kien mad-DCA u tar-rikorrenti kien beda f'Ottubru 1986.

Xehed Joseph Vassallo Senior Principal fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili li semma li dwar ir-rikorrenti hi dahlet fil-Korp tad-Dejma fit-23 ta' Ottubru 1986. Giet mislufa mad-DCA biex taghmel xoghol ta' Frisker fl-1 ta' April 1987 u l-kuntratt taghha kien ghal 14-il xahar mid-date of enlistment. Id-date of enlistment taghha kien fit-23 ta' Ottubru 1986 sa Dicembru 1987. Bejn Dicembru 1987 u Mejju 1988 hi kienet taghmel xoghol ta' Frisker mad-DCA. Mis-16 ta' Mejju 1988 dik is-sezzjoni ma baqghetx taht id-DCA izda sar dipartiment ghalih jissejjah Air Terminal Department. Ix-xhud dehrlu li r-rikorrent giet transferred ma' l-Education Department fit-2 ta' Gunju 1988.
Xehed Salvu Fenech li semma li skond ir-records taghhom ir-rikorrenti kienet ingaggata fid-Dejma mit-23 ta' Ottubru 1983 u giet transferred mad-dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fl-1 ta' April 1987. Qal li wara April 1987 wara li ghamlet certu perjodu ta' zmien taghmel training bhala security frisker giet accettata biex tkompli taghmel dak it-tip ta' xoghol. Qal li hija baqghet maghhom sa Mejju 1988 meta mbaghad l-Air Terminal Dept waqa' bhala dipartiment wiehed. Minn Mejju 1988 ix-xoghol ta' Friskers waqa' taht l-Air Terminal Management. Qal li r-rikorrenti qatt ma kienet fl-istaff list tad-dipartiment taghhom ghax kienet ikkunsidrata impjegata tac-civil.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta illi l-ilment tar-rikorrenti huwa minhabba l-fatt li meta hija kienet qed tahdem ta' Security Frisker fl-Ajruport giet trasferita ghal skola tal-Gvern ma' l-Education Department. Irrizulta illi r-rikorrenti kienet dahlet fil-Korp tad-Dejma fit-23 ta' Ottubru 1986 u sussegwentement mislufa lid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fl-1987 u hemmhekk kienet giet moghtija xoghol ta' Security Frisker izda jidher li dejjem baqghet mad-Dipartiment b'self mad-Dejma. Minn Mejju 1988 ir-responsabbilita` ghall-amministrazzjoni ta' l-Air Terminal giet f'idejn il-Manager Air Terminal Department u fit-2 ta' Gunju 1988 ir-rikorrenti spiccat trasferita ghal skola tal-Gvern il-Fellenberg, Rahal Gdid. Fl-1992 il-Malta International Airport Limited hadet f'idejha r-responsabbilita` tat-tmexxija ta' l-Air Terminal.

Issa huwa importani li wiehed jirrileva illi r-rikorrenti kienet membru tal-korp tad-Dejma u ghalhekk kull trasferiment li seta' sar, seta' sar fuq ordni tal-kap tad-Dipartiment inkarigat mid-Dejma li dak iz-zmien kien il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.

Huwa importanti li jigi rilevat illi r-rikorrenti ma kellha ebda impieg regolari mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u meta haddiem ma jkollux impieg li fih dahal b'mod regolari kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni, meta jkun dahal mal-Gvern, f'dan il-kaz id-drittijiet tieghu huma limitati ferm. Ara ghal dan ir-rigward il-kawza deciza minn dan it-Tribunal fit-30 ta' Gunju 1999 kawza fl-ismijiet Carmel McKay kontra Bank of Valletta rikors numru 140/97.

Irrizulta wkoll illi l-posting tar-rikorrenti minn mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civli ghal posting mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma kienx l-unika wiehed li sar ghax irrizulta li kien hemm zewg nies ohra li effettivament gew trasferit fl-istess zmien. Issa r-rikorrenti allegat li saret diskriminazzjoni fil-konfront taghha.

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Ghalhekk l-anqas ma gie pruvat ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Irid jigi rilevat ukoll illi fil-

kondizzjonijiet tax-xoghol li bihom ir-rikorrenti giet ingaggata fil-Korp tad-Dejma ma kien hemm xejn li jaghti xi dritt li xi membru tad-Dejma li jigi promoss ghal xi rank iehor. Illi huwa veru li meta wiehed ihares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jista' jinghad illi r-rikorrenti kienet sfortunata fit-trasferiment illi hadet mill-posting li kellha fl-Ajruport ghal dak tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Izda certament ma rrizulta illi d-direttur ta' l-Avjazzjoni Civili ma ghemel ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti. B'dan mhux qieghed jinghad illi saret xi ingustizzja mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati izda pero` t-Tribunal mhuwiex sejjer jidhol b'dak l-aspett la l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati l-anqas biss huwa parti fil-kawza.

Dwar il-fatt li r-rikorrenti istitwiet il-kawza wkoll barra milli kontra d-Diaprtiment tal-Avjazzjoni Civili kontra c-Chairman Malta International Airport jinghad li hi qatt ma kienet impjegata tal-Malta International Airport. Din il-kumpanija (gja Malta International Airport Limited) bdiet topera fis-16 ta' Mejju 1991 u certament ma kellha x' taqsam xejn mat-transfer tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet moghtija.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

-------------------------------TMIEM-------------------------------